MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Numru 56/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**Vs.**

**RONALD SCICLUNA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ronald Scicluna ta' 51 sena, bin Giuseppe u Maria Stella nee' Busuttil, imwieled iz-Zejtun, fil-11 ta'Gunju, 1956, residenti fil-font: Nru. 139, 'St. Margareth', Triq Bormla, Rahal Gdid u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: 429656 (M).

A) Billi huwa akkuzat talli, nhar l-14 ta' Jannar, 2008, ghal habta ta' filghaxija, filwaqt li kien fir-residenza Nru. 139, 'St. Margareth', Triq Bormla, Rahal Gdid, minghajr il-

hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta’ martu Mary Grace Scicluna, minn Rahal Gdid, f’periklu car, ikkagunalha ferita ta’ natura gravi, kif iccertifikat minn Dr. R. Mangion M.D., it-tabib tad-dipartiment ta’ l-Emergenza fl-isptar Mater Dei, liema ferita ggibilha mankament jew sfreggju fil-wicc.

B) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin u lok, kiser il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b’ghajjat u glied.

C) W aktar talli, fl-istess data, lik u cirkustanzi, qal kliem oxxen, indecenti u dagha.

D) W aktar akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra l-persuna ta’ martu Mary Grace Scicluna sabiex jingurjaha jew jaghmel hsara lill-istess.

C) Barra minn dan, akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b’tali mod li kkagunajt lil haddiehor biza’ li se tintuza vjolenza kontra taghha, meta huwa kien jaf jew messu kien jaf li, b’tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza’.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika ukoll l-art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Matla ghas-sigurta ta’ din il-persuna hawn fuq indikata.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-art 412 (C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JB3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu

jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 214, 216(1)(b), 222(1)(a), 338(dd), 338(bb), 342, 339(1)(d) u 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Ronald Scicluna, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Ronald Scicluna ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u mitejn u tlieta u tletin Euro (Euro 233) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Ronald Scicluna jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tas-subartikolu 412C(5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-Ordni ta' Protezzjoni moghtija ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif moghtija minn din il-Qorti f'din il-kawza fis-Seduta tad-29 ta' Jannar, 2008 tigi estiza ghal perijodu ta' sentejn (2) millum u l-Qorti qed tispjega b'mod dettaljat lill-imputat Ronald Scicluna il-kontenut ta' dan il-Provediment.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Ronald Scicluna l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------